REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1037/2014

tal-25 ta' Settembru 2014

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta'din it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li l-informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([2]). Dan il-perjodu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness tiġi kklassifikata fin-Nomenklatura Magħquda skont il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunita (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2014.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Heinz ZOUREK
Direttur Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Għaqda Doganali

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Komponent semikonduttur (l-hekk imsejjaħ "modulu LED") li jikkonsisti f'ċippa LED konnessa b'mod parallel ma' dijodu ta' protezzjoni Zener, ippreżentat f'qafas tal-plastik b'kisja forma ta' koppla tal-plastik trasparenti, b'dimensjonijiet ta' madwar 7 × 7 × 5 mm, mingħajr pads ta' konnessjoni. Il-kostruzzjoni fiżika tal-komponent hija indiviżibbli fis-sens li, minkejja li xi elementi jistgħu teoretikament jitneħħew u jiġu ssostitwiti, din kieku tkun biċċa xogħol twila u delikata li ma tkunx ekonomika taħt kundizzjonijiet normali ta' manifattura. Il-modulu LED huwa mfassal biex jiġi armat fuq bordijiet ta' ċirkwiti stampati bl-użu, pereżempju, ta' tekniki tal-issaldjar b'apparat għall-armar fuq l-uċuħ (SMD). Huwa ppreżentat għall-użu f'applikazzjonijiet ta' dawl bħal fil-flash tat-telefowns ċellulari, id-dawl fil-karozzi, il-projetturi tad-dawl, is-sinjali tat-traffiku, u apparat domestiku. (*) Ara l-immaġni 1	8541 40 10	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, nota 8 tal-Kapitolu 85 kif ukoll mill-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 8541, 8541 40 u 8541 40 10. Billi ċ-ċippa LED u d-dijodu tal-protezzjoni huma kkumbinati għal kull tip ta' użu b'mod li ma jistgħux jinqasmu, u d-dijodu tal-protezzjoni jintuża biss għall-protezzjoni taċ-ċippa LED kontra l-vultaġġ żejjed, il-karatteristiċi u l-proprjetajiet tal-modulu bħala dijodu li jarmi d-dawl tal-intestatura 8541 għalhekk mhumiex fundamentalment mibdula. Għaldaqstant, bl-applikazzjoni tan-nota 8 tal-Kapitolu 85, l-aħħar paragrafu, il-klassifikazzjoni tal-komponent taħt l-intestatura 9405 hija eskluża. Għaldaqstant, il-komponent għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 8541 40 10 bħala dijodi li jarmu d-dawl.
2. Komponent semikonduttur magħmul minn modulu LED armata bl-issaldjar fuq bord ta' ċirkwiti stampat b'ġewwa tal-metall, b'għoli ta' madwar 7 mm u dijametru ta' madwar 21 mm. Il-modulu LED jinkludi ċippa LED konnessa b'mod parallel ma' dijodu ta' protezzjoni Zener, ippreżentat f'qafas tal-plastik b'kisja forma ta' koppla tal-plastik trasparenti. Il-bord ta' ċirkwiti stampat b'ġewwa tal-metall li huwa ddisinjat speċifikament bħala sink tas-sħana; dan jinkludi pads għall-issaldjar għall-konnessjoni tal-provvista tal-enerġija u huwa msawwar għall-applikazzjoni finali f'tagħmir tad-dawl. Dan huwa ppreżentat għall-użu f'applikazzjonijiet ta' dawl bħal fil-flash tat-telefowns ċellulari, id-dawl fil-karozzi, il-projetturi tad-dawl, is-sinjali tat-traffiku, u apparat domestiku. (*) Ara l-immaġni 2	8541 40 10	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, nota 8 tal-Kapitolu 85 kif ukoll mill-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 8541, 8541 40 u 8541 40 10. Għalkemm il-komponent jinkludi modulu LED u bord ta' ċirkwiti stampat li jista' jiżżarma, il-funzjoni tal-komponent tibqa' l-istess bħal dik tal-modulu LED waħdu. Il-funzjoni unika tal-bord ta' ċirkwiti stampat b'ġewwa tal-metall hija d-dissipazzjoni tas-sħana (sink tas-sħana) peress li l-bord ta' ċirkwiti stampat ma jipprovdi l-ebda interkonnessjoni ma' komponenti oħrajn iżda jippermetti biss trasferiment termali aħjar mill-modulu LED għall-midja ta' madwaru. Il-komponent għandu għalhekk ikun ikklassifikat bħala modulu LED waħdu. Billi ċ-ċippa LED u d-dijodu tal-protezzjoni huma kkumbinati għal kull tip ta' użu b'mod li ma jistgħux jinqasmu, u d-dijodu tal-protezzjoni jintuża biss għall-protezzjoni taċ-ċippa LED kontra l-vultaġġ żejjed, il-karatteristiċi u l-proprjetajiet tal-modulu bħala dijodu li jarmi d-dawl tal-intestatura 8541 għalhekk mhumiex fundamentalment mibdula. Għaldaqstant, bl-applikazzjoni tan-nota 8 tal-Kapitolu 85, l-aħħar paragrafu, il-klassifikazzjoni tal-komponent taħt l-intestatura 9405 hija eskluża. Għaldaqstant, il-komponent għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 8541 40 10 bħala dijodi li jarmu d-dawl.

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
3. Komponent semikonduttur (l-hekk imsejjaħ "pakkett LED") li jikkonsisti minn erba' ċipep LED, kull waħda konessa b'mod parallel b'dijodu ta' protezzjoni Zener, ippreżentat f'qafas tal-plastik b'tieqa tal-ħġieġ trasparenti fin-naħa ta' fuq u tmien pads għall-kuntatt fuq wara, b'dimensjonijiet ta' madwar 6 × 5 × 1 mm. Il-kostruzzjoni fiżika tal-komponent hija indiviżibbli fis-sens li, minkejja li xi elementi jistgħu teoretikament jitneħħew u jiġu sostitwiti, din kieku tkun biċċa xogħol twila u delikata li ma tkunx ekonomika taħt kundizzjonijiet normali ta' manifattura. Iċ-ċipep LED mhumiex interkonnessi. L-interkonnessjonijiet bejn iċ-ċipep LED u d-dijodi Zener huma magħmula bit-twaħħil tal-wajers. Il-pakkett LED huwa mfassal biex jiġi armat fuq bordijiet ta' ċirkwiti stampati bl-użu, pereżempju, ta' tekniki tal-issaldjar SMD. Huwa ppreżentat għall-użu f'applikazzjonijiet tad-dawl bħad-dwal tax-xena jew għad-divertiment, id-dawl li jaqbel mal-burdata (mood lighting) u d-dawl arkitettoniku fuq ġewwa u fuq barra. (*) Ara l-immaġni 3	8541 40 10	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, nota 8 tal-Kapitolu 85 kif ukoll millkliem tal-kodiċijiet tan-NM 8541, 8541 40 u 8541 40 10. Billi ċ-ċipep LED u d-dijodi tal-protezzjoni huma kkumbinati għal kull tip ta' użu b'mod li ma jistgħux jinqasmu, u d-dijodi tal-protezzjoni jintużaw biss għall-protezzjoni taċ-ċipep LED kontra l-vultaġġ żejjed, indipendentement mill-għadd ta' ċipep LED, il-karatteristiċi u l-proprjetajiet tal-komponent bħala dijodu li jarmi d-dawl tal-intestatura 8541 għalhekk mhumiex fundamentalment mibdula. Għaldaqstant, bl-applikazzjoni tan-nota 8 tal-Kapitolu 85, l-aħħar paragrafu, il-klassifikazzjoni tal-komponent taħt l-intestatura 9405 hija eskluża. Għaldaqstant, il-komponent għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 8541 40 10 bħala dijodi li jarmu d-dawl.
4. Komponent semikonduttur (l-hekk imsejjaħ "issensiela LED") li jinkludi 156 ċippa LED ippreżentati f'qafas tal-plastic tond b'kisja tal-plastik trasparenti u żewġ pads ta' kuntatt elettriku finnaħa ta' fuq u sink tas-sħana metalliku fuq wara, b'għoli ta' madwar 2 mm u dijametru ta' madwar 49 mm. Il-kostruzzjoni fiżika tal-komponent hija indiviżibbli fis-sens li, minkejja li xi elementi jistgħu teoretikament jitneħħew u jiġu sostitwiti, din kieku tkun biċċa xogħol twila u delikata li ma tkunx ekonomika taħt kundizzjonijiet normali ta' manifattura. Iċ-ċipep LED huma interkonnessi f'sensiela serje-parallel bl-interkonnessjonijiet magħmula bit-twaħħil tal-wajers. Is-sensiela LED hija maħsuba biex tiġi armata bil-viti mal-prodott finali. Hija ppreżentata għall-użu f'applikazzjonijiet ta' dawl ġenerali bħad-dawl għall-bejgħ bl-imnut u l-ospitalità u d-dawl kummerċjali, għall-uffiċċji, residenzjali u għall-konsumatur, dawl industrijali, dawl fit-toroq u żoni esterjuri u lampi mmodifikati (retrofit). (*) Ara l-immaġni 4	8541 40 10	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, nota 8 tal-Kapitolu 85 kif ukoll millkliem tal-kodiċijiet tan-NM 8541, 8541 40 u 8541 40 10. Bħala komponent din hija magħmula biss minn ċipep LED li huma kkumbinati għal kull tip ta' użu b'mod li ma jistgħux jinqasmu, indipendentement min-numru ta' ċipep LED, il-komponent xorta jaqa' taħt l-intestatura 8541. Għaldaqstant, bl-applikazzjoni tan-nota 8 tal-Kapitolu 85, l-aħħar paragrafu, il-klassifikazzjoni tal-komponent taħt l-intestatura 9405 hija eskluża. Għaldaqstant, il-komponent għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 8541 40 10 bħala dijodi li jarmu d-dawl.

(*) L-istampi huma biss għal finijiet ta' informazzjoni.

Immaġni 1



Immaġni 2



Immaġni 3



Immaġni 4

